**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla**

**vs**

**Christopher Schembri**
**Omissis**

**Kumpilazzjoni 158 / 2012**

**Illum 8 ta' Novembru, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Omissis** u **Christopher Schembri** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 362782 (M) billi huma akkuzati talli:

Omissis wahdu talli fl-14 ta' Frar 2012, u fix-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

1. Iffalsifika xi biljetti tal-flus u/jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' valuta' EURO, meta kien jaf li kienu falsifikati;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli xtara jew ircieva

minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus ta' valuta' EURO falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati;

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew tga' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94), imma anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-Canifor Hotel, Coral Hotel, Rihana's Confectionery, Emanuel's Bakery, Dubliners, Dr Juice Shop, Ace Nails & Beauty, Millenium Salon, Just Joe, All for You, Hot Ice, Timmaz Stationery, Timmy's Self Service, One Stop Shop, Sweet Temptations, Specs Optics, Body Treat, Jeffrey Romano, Carmelo Zarb u Steve Bugeja;

4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, ikkometta serq ta' wallet, flus, bank card u oggetti ohra, liema serq sar ghad-dannu ta' Dzanela Cengic, u huwa ikkwalifikat bil-valur (aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94), imma anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37),

5. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, akkwista, kellu fil-pussess tieghu, jew zamm arma regolari u munizzjon imsemmija fl-iskeda I tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

U lil Christopher Schembri wahdu talli fl-14 ta' Frar 2012, u fix-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, sar komplici, hekk kif ikkontemplat f' Artikolu 42 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f' delitti li fihom Thomas Camilleri

6. mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta'valuta' EURO, meta kien jaf li kienu falsifikati;

7. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (€232.94) imma anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-Canifor Hotel, Coral Hotel, Rihana's Confectionery, Emanuel's Bakery, Dubliners, Dr Juice Shop, Ace Nails & Beauty, Millenium Salon, Just Joe, All for You, Hot Ice, Timmaz Stationery, Timmy's Self Service, One Stop Shop, Sweet Temptations, Specs Optics, Body Treat, Jeffrey Romano, Carmelo Zarb u Steve Bugeja;

8. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, akkwista, kellu fil-pussess tieghu jew zamm arma regolari u munizzjon imsemmija fl-iskeda I tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

U b' hekk, l-imputat Omissis sar recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

U b' hekk, l-imputat Christopher Schembri sar recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Biss, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex, jekk, filwaqt tal-procediment kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta u ghandha, jekk u skont ma jista' jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 50 (3) tal-Kapitlu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

**Xhieda**

Spettur Ian J. Abdilla *a fol.* 73 *et. Seq.*, PS 1335 Duncan Schembri *a fol.* 87 *et. Seq.*, Spettur Ian J. Abdilla *a fol.* 99 *et. Seq.*, Stephen Cachia *a fol.* 102 *et. Seq.*, Rita Barbara *a fol.* 110 *et. Seq.*, WPC 128 Marthese Camilleri *a fol.* 113 *et. Seq.*, Thomas Camilleri *a fol.* 140 *et. Seq.*, Spettur Ian J. Abdilla *a fol.* 144 *et. Seq.*, Mark Mangion *a fol.* 147 *et. Seq.*, Thomas Camilleri *a fol.* 193 *et. Seq.*, Robert Mifsud *a fol.* 218 *et. Seq.*, Mark Mangion *a fol.* 220 *et. Seq.*, PS 74 Mark Chetcuti *a fol.* 225 *et. Seq.*

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 18 ta' Novembru, 2013 (esebita a fol. 188 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista'

tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

1. Fl-Artikolu 18 u 42(d) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 45 u 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikolu 18, 42(d), 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikolu 18 u 42(d) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 3 u 51 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikolu 50(3) tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 17, 23, 31, 532A u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni tal-atti u d-dokumenti fil-kawza.

Il-Qorti semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena li għandha tiġi inflitta jekk tinstab htija fejn qablu li l-imputat huwa maħkum mill-vizzju tal-abbuż mid-droga u jeħtieġ li jkun mgħejjun jegħleb l-istess vizzju.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Dan jitratta kaz ta' distrubuzzjoni ta' flus foloz. Ix-xhieda identifikaw il-persuni, l-vittmi identifikaw il-karozza u lill-imputat bhala l-persuna li kienet fil-karozza meta Thomas Camilleri kien imur juza dawn il-flus foloz.

Il-prosekuzzjoni ssostni li l-imputat kien komplici ma' Thomas Camilleri, kien jaf b' dak kollu li kien qed jigri, kien iwasslu fil-postijiet fejn kellu bzonn. F'okkazzjomi minnhom l-imputat ha responsabilta ta' arma li pulizija sabu fil-karozza meta huma jsostnu li kienet ta' Thomas Camilleri.

**Komplici**
**(Sitt u Seba' imputazzjonijiet)**

Fl-ewwel lok din il-Qorti osservat illi l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat bir-reat kif previst fl-Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero' sabiex jiġi applikat l-imsemmi Artikolu 48A, irid jiġi determinat liema hu r-reat li tiegħu l-Prosekuzzjoni tkun qed tallega li tiegħu l-assoċjati jkunu ppjanaw jew ftehmu biex iwettqu. Għalhekk ir-reat ta' assoċjazzjoni jrid jiġi abbinat ma' tali reat. Issa fil-kaz in desamina jidher li l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat assocja ruhu ma' Thomas Camilleri sabiex jikkomettu r-reat kif previst fl-Artikolu 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kap. 9, tal-Artikoli 45 u 46 tal-Kap. 204 u tal- Artikolu 3 u 51 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jinghad li t-tliet elementi tal-assoċjazzjoni huma:
a) Ftehim bejn tnejn jew aktar min-nies; b) L-intenzjoni li jsir ir-reat; c) U pjan ta' azzjoni miftiehem.

Mhux relevanti jekk dak il-ftehim tpoggiex fil-prattika.

L-intenzjoni wahidha mhix bizzejjed. Jinhtieg li l-persuni li ser jiehdu parti fl- assocjazzjoni jkunu ftehmu dwar il-mezzi, ikunu xi jkunu, biex jagixxu, u m'hemmx bzonn li huma jew xi persuni ohra ghamlu xi atti ohra sabiex jitwettaq il-pjan ta' azzjoni miftiehem. Dan qed jinghad ghaliex jekk barra mill-ftehim dwar il-kommissjoni tar-reat u dwar il-pjan ta' azzjoni jkun hemm il-bidu tal- esekuzzjoni tal-azzjoni mifthema, jew jekk ir-reat ikun sehh, il-persuni involuti jkunu jistghu jkunu akkuzati kemm bl-assocjazzjoni kif ukoll bit-tentattiv jew bir-reat komplut. Ghall-finijiet tat-tentattiv jew tar-reat ikkonsmat, dawk li jiehdu parti fl-assocjazzjoni jsiru komplici jew co-principals.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Lisa Pace**, Omissis[1]:

> *Illi huwa sabbilit fl-gurisprudenza taghna li biex persuna tinstab hatja bhala komplici jrid jirrisulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni – cioe` pruvat lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni – li din il- persuna (i) kienet taf li l-awtur tad-delitt ser iwettaq dak id-delitt u (ii) li hi deliberatament ghinitha biex hekk iwettaq d-delitt billi ghamet xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 42 tal- Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li dik il-persuna marret ma'l-awtur tad-delitt, u anke kienet fuq il-post waqt il-kommissjoni tad-delitt, ma jfissirx necessarjament li hija kienet taf x'kellhu f'mohhu. Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-*

[1] Per Onor. Magistrat Doreen Clarke, deciza 9 ta' Jannar 2012

*persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt*[2].

Illi ghalhekk kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-**Pulizija vs George sive Gino Bezzina**' nhar it-tletin ta' Marzu, 1993, il-korroborazzjoni hi biss:

"*evidence which shows or tends to show that the story of the accomplice that the accused committed the crime is true, not merely that the crime has been committed, but that it was committed by the accused.*"

Ma hemmx bzonn tkun tikkonsisti fi prova diretta li l-akkuzat ikkommetta r-reat; hu sufficjenti li l-prova korroboranti tkun anke merament cikostanzjali tal-konnessjoni tieghu mar-reat.

Fil-fatt il-Professur Mamo jghid:

"*if the corroborative evidence is equally consistent with the innocence or guilt of the accused and therefore an inference cannot be safely drawn from it one way or the other, as if it fell short of corroboration in a material particular, it cannot be accepted as corroborative. In* ***Thomas v Jones*** *(1921 - I.K.B. 22) it was held that a number of facts none of which by itself amounts to corroborative cannot if regarded collectively become corroboration.*"

[2] Ref Il-Pulizija vs Carmelo Agius, Appelli Kriminali, deciz 24.05.2002

Illi fic-cirostanzi tal-kaz il-Qorti thoss li ma hemmx bizzejjed provi li jorbtu lill-imputat Christopher Schembri bhala komplici mar-reati addebitati fil-konfront dwar it-tmexxija tal-flus foloz. Veru li l-imputat kien iwassal lil Thomas Camilleri fil-postijiet indikati li twettqu r-reati, izda l-imputat kien joffri servizz ta' garr ta' passiggieri. Veru ukoll li l-imputat kienu jabbuzaw mid-droga flimkien u veru ukoll li l-imputat kien mahkum mill-influwenza ta' Thomas Camilleri, izda l-elementi kollha biex ikun hemm il-komplicita' ma kienux sodisfatti.

Din il-Qorti qatt ma waslet biex tikkundanna lil xi hadd semplicement fuq suspett.

Illi ghalkemm jista' ikun hemm suspett f'dana l-kaz, madanakollu dina l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn dubbju dettat mir-raguni illi fil-fatt l-imputat huwa hati tal-akkuzi migjuba kontrieh dwar il-flus foloz fis-sitt u seba' imputazzjoni..

**Arma tan-nar**
**(Tmien imputazzjoni)**

L-imputat ha l-*ownership* tal-arma misjuba mill-pulizija u ghal hekk se jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba maghha.

Il-Qorti taghmilha cara mal-imputat li hi prekluza bl-Artikolu 61 tal-Kap 480 li tapplika xi provediment tal-Att dwar il-Probation jew Artikolu 21 tal-Kap 9 jekk tinstab htija dwar t-tielet (3) imputazzjoni, kif se tinstab.

Il-Qorti rat artikolu **51.** (1) fejn jipprovdi li meta jinsab ħati, jeħel:

*Kull min jikser l-artikolu 3 ikun ħati ta' reat u jista',*

*(a) jekk il-ħtija tkun dwar arma regolari, priġunerija minn tliet xhur sa għaxar snin;*

**Konsiderazzjonijiet dwar piena**

Illi l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-ġarr ta' armi tan-nar li ma jkunx qiegħed isir skont il-kondizzjonijiet tal-liċenza maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija huwa deplorevoli għall-aħħar u huwa wkoll fatt serju għaliex armi tan-nar għandhom jinġarru barra minn fond biss u limitatament skont kif awtorizzat u liċenzat u dan sabiex jiġi evitat kemm jista' jkun li tali armi minflok jiġu użati kif meħtieġ jistgħu jispiċċaw li jiġu abbużati minflok. Għalhekk il- Qorti ma tistax tqis din il-vjolazzjoni bħala xi waħda żgħira jew insinjifikanti. Iktar u aktar l-arma ma kinetx licenzjata.

Il-Qorti f'dan il-każ hi prekluza li taghti xi ordni li tohrog mill-Kap 446 u anke kieku mhix prekluza milli taghmel dan ma tistax timponi ordni ta' servizz fil-komunita' in kwantu tagħraf li minħabba l-vizzju tal-abbuż mid-droga li jidher li huwa afflitt minnu l-imputat, tali vizzju mhux kompatibbli ma' din il-piena tant li l-prassi tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Probation u Parole huwa ċar li f'dawn il-każijiet ma jirrakkomandawx li tingħata din il-miżura alternattiva. U dan bir-raġun għaliex jekk jingħata dan il- provvediment jistgħu ikunu mqegħda

f'perikolu nies oħra innoċenti li jkun jista jiġi f'kuntatt magħhom l-imputat meta jmur iwettaq ix-xogħol komunitarju.

Il-Qorti tifhem li mhux kulħadd għandu x-xorti tajba li jkollu ħajja tajba u l-bogħod mill-vizzji u kriminalita'. Tifhem ukoll id-diffikultajiet li persuni bħall- imputat ikollhom minħabba l-ħakma li l-*addiction* ikollha fuq nies bħalu. Il-bniedem għandu s-setgħa tar-rieda u tar-raġuni. U raġel ta' ħamsa u tletin sena suppost li għandu raġuni biżżejjed biex jiddeċiedi jekk iwettaqx reat jew joqgħdox lura milli jwettqu.

Il-Qorti ma tistax tħares biss mill-għajnejn u mill-lenti tal-imputat u tad-drittijiet tiegħu. Il-Qorti ma tistax tibqa' b'għajnejha magħluqa u ċassa quddiem min l-opportunitajiet li tagħti jinorahom jew ma jkunx għaraf jużahom tajjeb. Il-Qorti tifhem l-imputat ukoll għandu obbligi li jrid josserva. Il-vizzju tal-abbuż mid-droga li għandu l-imputat ma jistax inaqqas mill-gravita' tal-azzjoni li wettaq jew jiskużah għal dak li għamel.

Il-problema tad-droga li għandu jsolviha billi jagħmel programm ta' rijabilitazzjoni u jimpenja ruħu bis-serjeta li jibqa' jsegwih u wara li jlestih b'suċċess, wara jibqa' sod sabiex jinfatam darba għal dejjem minn dan il-vizzju.

Il-Qorti għalhekk tara li jekk l-imputat fl-istat attwali ta' ħajjitu mhux ser ikun imġieghel joqghod kemm jista' jkun il-bogħod mid-droga u jekk mhux ser ikun kostrett li joqghod għal xi forma ta' trattament biex jigi mgħejjun jeghleb dan il-vizzju, hemm ċans tajjeb li l-imputat jbqa' fejn

hu illum – ħaġa li la hija ta' ġid għalih u wisq anqas għas-soċjeta. Il-Qorti għalhekk sejra teroga piena ta' priġunerija effettiva kontra l-imputat b'ordni ta' trattament biex jigi mgħejjun kemm jista jkun jeghleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga.

**Decide**

Illi fic-cirostanzi tal-kaz il-Qorti thoss li ma hemmx bizzejjed provi li jorbtu lill-imputat Christopher Schembri bhala komplici mar-reati addebitati fil-konfront tieghu permezz tas-sitt  u seba' imputazzjoni u ghalhekk tilliberah minnhom.

Il-Qorti wara li rat Art. 3, 50  u 51(1) tal-Kap. 480 tal-Att dwar l-Armi kif ukoll Art 49 u 50 tal-Kap 9 ssib lil imputat Christopher Schembri ħati tat-tmien imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-perjodu ta' sitt xhur priġunerija.

Ai termini tal-artikolu 56 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-arma esebita f'dawn il-proceduri.

In oltre` ai termini tal-Artikolu 57 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tipprojbixxi lil persuna milli jkollha xi liċenza taħt l-istess Att għal tlett snin millum.

Inoltre, wara rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwa indikat li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kodiċi

Kriminali, stante li l-Qorti tqis li huwa meħtieġ li l-ħati jigi mgħejjun jegħleb diffikultajiet psikoloġiċi li jidher affetwat minnhom inkluż l-abbuż minn drogi u li qed iwasluh ukoll biex jiddelinkwi.

Għalhekk ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin millum. Il-Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' din l- ordni u l-konsegwenzi li l-ħati jkollu jaffaccja fil-kaz li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ordnat lilu.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' trattament bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistat**